# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 2020**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Guramentat Numru:- 272/2020 JVC**

**Abdulkarim Muhammad Abdulrahman Alagil (Passaport tar-Renju tal-Arabja Sawdita (V043947) u Nora Abdullah Abdulrahman Algwaiz (Passaport tar-Renju tal-Arabja Sawdita' numru T255224) bhala l-genituri tat-tifel komuni minuri Muhammad Alagil sive Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil kif rappresentati lokalment mill-mandatarju specjali taghhom l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent minuri twieled fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fis-16 ta' Settembru 2010, u dana skont l-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv 1066-00674046 registrat u mahrug mir-Registru tat-Twelid, mill-Ministeru tal-Intern f' Riyadh, fid-29 ta' Dicembru 2010, li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**MA-2**".

2. Illi il-fuq imsemmi Att tat-Twelid juri l-isem shih tar-rikorrent. u cioe' dak "**Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil**". Skont il-ligi u l-prattika tar-Renju tal-Arabja Sawdita kull wild jiehu bhala t-tieni isem tieghu l-ewwel isem ta' missieru, u jiehu wkoll bhala t-tielet isem tieghu l-ewwel isem ta' missier missieru. Illi ghalhekk l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Muhammad Abdulkarim Muhammad"; u jitnissel ukoll, skont il-ligi u l-prattika tal-istess Renju tal-Arabja Sawdita fejn kull wild jiehu l-kunjom ta' missieru, illi l-kunjom tar-rikorrent huwa dak ta' "Alagil" – kif inhu kkonfermat fl-opinjoni legali tat-28 ta' Jannar 2020 mahruga mill-avukat Sawdi Dottor Abdulaziz Hamad H. Alfahad li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**MA-3**".

3. Illi fit-8 ta' Mejju 2017 ir-rikorrent ottjena permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (S.L. 188.03) ic-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta), kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**MA-4**".

4. Illi l-fuq imsemmi Certifikat ta' Cittadinanza Maltija inhareg bl-isem "Muhammad Alagil" minkejja illi omm ir-rikorrent minuri Nora Abdullah Abdulrahman Algwaiz kienet issottomettiet l-applikazzjoni ghan-nom tieghu lill-Agenzija Identity Malta sabiex jikseb il-fuq imsemmija cittadinanza Maltija permezz tan-naturalizzazjoni bl-isem shih tieghu kif registrat fir-Renju tal-Arabja Sawdita u li bih l-istess rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah u cioe' "Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil", kif jirrizulta mill-kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**MA-5**", ghalkemm it-tielet isem "Muhammad " kien gie mqassar ghall-inizjali "M" sabiex l-isem shih tar-rikorrent ikun jaqbel ma kif l-istess isem jidher fit-traduzzjoni Ingliza tal-passaport Sawdi tieghu (li kopja awtentika tieghu huwa hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"MA-8**);

5.lli difatti u skond kif diga hawn fuq premess, l-isem tar-rikorrent ufficjalment huwa indikat bhala "Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil", u dan kif jidher kemm (i) Kopja awtentika tac-certifikat tas-Civil Status System – Citizen's Data tar-rikorrent mahruga fir-rigward tieghu mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-Ingliz annessa u mmarkata bhala Dokument "**MA-6**"; kemm ii) fuq il-passaport Amerikan bin-numru 545504607 mahrug

fit-30 ta' Marzu 2016 fir-rigward tar-rikorrent, li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**MA-7**"; u kemm kopja awtentika tal-passaport Sawdi kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**MA-8**".

6. Illi fit-text gharbi isem ir-rikorrent huwa imnizzel bhala Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil fil-passaport tieghu numru R643971 mahrug mill-Awtoritajiet tar-Renju tal-Arabja Sawdita' f' Riyadh fid-19 ta' Jannar 2016, li kopja awtentika tieghu tinkopora traduzzjoni tieghu bl-ingliz hija su riferit u mmarkata bhala Dokument "**MA-8**". Huwa evidenti mill-premess illi l-inizjali "M" fid-traduzzjoni Ingliza tirraprezenta il-fuq imsemmi tielet isem "Muhammad" tar-rikorrent. Difatti isem ir-rikorrent fit-test Gharbi tal-istess dokument jinkorpora l-isem shih "Muhammad". Dan ukoll jispiega l-fatt ghaliex it-tielet isem tar-rikorrent kien imnizzel ukoll bl-inizjali "M" fl-applikazzjoni tar-rikorrent lill-Agenzija Identity Malta sabiex jikseb il-fuq imsemmija cittadinanza Maltija permezz tan-naturalizzazzjoni **(vide** Dokument "**MA-5**"**);**

7. Illi bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, ir-rikorrent kien applika lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-Att tat-twelid tieghu jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana sabiex a bazi ta' hekk ikunu jistghu jinhargu a favur tal-istess rikorrent ic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija, il-passaport Malti kif ukoll il-karta tal-identita' Maltija.

8. Illi in segwitu, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrent fid-9 ta' Mejju 2017 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 2694, li kopja tieghu huwa hawn

anness u immarkat bhala Dokument "**MA-9**", fejn isem ir-rikorrent huwa erronjament imnizzel bhala "Muhammad Alagil".

9. Illi l-isem tar-rikorrent fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid kif erronjament irregistrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku m'huwiex fil-fatt kopja vera tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv 1066-00674046 mizmum fil-General Directorate of Civil Status, Ministry of Interior, Riyadh, Saudi Arabia (Dok MA-2) kif spjegat fil-legal opinion (Dok. MA-3), u lanqas ma jaqbel mal-isem shih tar-rikorrent fid-dokumenti imsemmija aktar il-fuq.

10. Illi ghandu jinghad ukoll illi sew ic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija, li gja saret riferenza ghalih u li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**MA-4**" kif ukoll il-Passaport Malti, li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkat bhala Dokument "**MA-10**" gew mahruga a favur tar-rikorrent mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin, ukoll indikaw erronjament isem ir-rikorrent bhala "Muhammad Alagil"; bir-rizultat illi dawn l-istess dokumenti ma jirriflettux l-isem shih ta' "Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil" li bih ir-rikorrent huwa konsistentement maghruf u imsejjah u kif jidher mid-dokumenti esebiti u mmarkati bhala dokumenti "MA-6", MA-7" u MA-8".

12. Illi kif fuq premess, u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil", b'liema isem l-istess rikorrent kien ukoll minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u ismu m'huwiex biss "Muhammad Alagil" skont kif gie indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid registrat mill-intimat

Direttur tar-Registru Pubbliku fid-9 ta' Mejju 2017 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2694.

13. Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq illi t-tieni u t-tielet ismijiet tieghu u cioe' l-ismijiet "Abdulkarim Muhammad" jigu mizjuda fl-istess Att tat-Twelid registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fid- 9 ta' Mejju 2017 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2694 sabiex b'hekk l-isem shih u korrett tal-istess rikorrent jinqara bhala "Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil" kif jitnissel mill-Att tat-Twelid tieghu tar-Renju tal-Arabja Sawdita.

14. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi :-

1 Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2694 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku tad-9 ta' Mejju, 2017, billi jigu registrati fl-istess Att tat-Twelid it-tieni u t-tielet isem tar-rikorrent, u cioe' l-ismijiet "Abdulkarim Muhammad", sabiex b'hekk l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara "Muhammad Abdulkarim Muhammad" bhala isem u "Alagil" bhala kunjom; u konsegwentement

2 Tordna illi jigi mdahhal annotament fil-margini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent in segwitu ghall-korrezzjoni u registrazzjoni relattiva jigi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat civili iehor relattiv ghall-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'ILLI, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza, l-esponent jiddikjara illi hu ma huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu;

2. ILLI, jidher li r-rikorrent twieled gewwa l-Istati Uniti fis-16 ta' Settembru 2010, u dan skond l-Att ta' Twelid tieghu bin-numru 1066-00674046, mahrug mill-awtoritajiet fl-Gharabja Sawdita, li kopja tieghu qed tigi hawn anness u mmarkata **Dok DRP 1**, kif ukoll it-traduzzjoni tieghu ghal-lingwa Ingliza, hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 2**. Sussegwentement, ir-rikorrent ottjena c-cittadinanza Maltija tieghu b'naturalizzazzjoni taht il-proveddimenti tal-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta) permezz tal-Programm tal-Investitur Individwali. Ghalhekk, ir-rikorrent kellu l-fakolta' illi jirregistra l-Atti tal-iStat Civili esteri tieghu gewwa Malta, inkluz l-Att ta' Twelid tieghu, u dan taht l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili;

3. ILLI, nhar il-15 ta' Marzu 2017, saret talba sabiex l-Att ta' Twelid esteru tar-rikorrent jigi registrat gewwa Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16. Kopja tal-istess talba qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok DRP 3**. Flimkien mat-talba, gew

forniti l-Att ta' Twelid esteru u t-traduzzjoni tal-istess (Dok DRP 1 u Dok DRP 2 rispettivament). Wara li d-dokumenti msemmija gew evalwati u l-esponent kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 gew sodisfatti, l-esponent ghadda ghar-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid. Difatti, l-Att ta' Twelid esteru tar-rikorrent huwa illum registrat gewwa Malta u jgib in-numru 2694 tas-sena 2017, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 4**;

4. ILLI, l-esponent jichad illi sar xi zball minn naha tieghu fir-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid tar-rikorrent. Tali registrazzjoni kellha ssir billi *ad verbatim* tigi mnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Jidher b'mod car fit-traduzzjoni tal-Att esteru (Dok DRP 2) li ghal dak li jirrigwarda l-isem, hemm miktub 'Muhammad' biss u mhux 'Muhammad Abdulkarim Muhammad'. Ghalhekk, l-esponent kien kostrett li jnizzel 'Muhammad' bhala l-isem tar-rikorrenti fl-Att ta' Twelid registrat f'Malta. Maghdud ma' dan, fit-talba sabiex l-Att ta' Twelid esteru tar-rikorrent jigi registrat gewwa Malta (Dok DRP 3) jidher car illi l-isem tar-rikorrenti kien indikat bhala 'Muhammad Alagil' u mhux 'Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil';

5. ILLI, riferibbilment ghat-tielet u l-ahhar talba tieghu, ir-rikorrent ghandu jispecifika liema huma dawk l-atti tal-iStat Civili ohra li ghandhom jirriflettu it-tibdil mitlub minnu, jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti takkolja l-ewwel u t-tieni talbiet tieghu, u dan billi jirreferi ghan-numru u s-sena tal-Atti tal-iStat Civili kkoncernati;

6. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però

illi l-provi migjuba mir-rikorrent ikunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

7. ILLI, in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li hu minn issa ingunt in subizzjoni'.

Rat l-affidavits, certifikati, opinjoni legali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li giet traskritta u nkluza fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Lulju, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali ta' Abdulkarim Muhammad Abdulrahman Alagil u Nora Abdullah Abdulrahman Algwaiz bhala l-genituri tal-minuri Muhammad Alagil jitlob li ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) issir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv

2694 tas-sena 2017 billi jizdiedu t-tieni u t-tielet isem tar-rikorrenti u cioe' 'Abdulkarim Muhammad' biex l-isem jigi jaqra bhala 'Muhammad Abdulkarim Muhammad' u l-kunjom jaqra bhala 'Alagil'.

Illi min-naha tad-Direttur intimat eccepixxa li dak li jirrigwarda l-mertu, huwa m'huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrenti. Huwa ssottometta li r-rikorrenti ottjena c-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni taht il-provvedimenti tal-Att tac-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) wara li gew evalwati d-dokumenti, u d-Direttur intimat kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 gew sodisfatti, huwa ghadda ghar-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid. Id-Direttur intimat jichad illi sar xi zball minn naha tieghu fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid fl-ewwel lok ghaliex tali registrazzjoni kellha ssir billi *ad verbatim* tigi mnizzla l-informazzjoni misjuba fl-att esteru senjatament ghal dak li hu isem hemm biss indikat 'Muhammad' u ghalhekk id-Direttur intimat kien kostrett jirregistra l-Att tat-Twelid b'dak l-isem. Di piu' fit-talba sabiex l-Att tat-Twelid esteru jigi registrat gewwa Malta kopja giet esebita u mmarkata bhala Dok DRP 3 a fol. 72 tal-process l-isem hemm indikat huwa ta' 'Muhammad' u mhux 'Muhammad Abdulkarim Muhammad'. Riferibbilment ghat-tielet u l-ahhar talba d-Direttur intimat sostna li r-rikorrenti ghandu jispecifika liema huma dawk l-atti tal-Istat Civili li ghandhom jirriflettu t-tibdil fih jekk kemm-il darba t-talbiet jigu milqugha. Ghar-rigward il-mertu tal-kawza d-Direttur intimat irrimetta ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju tal-Qorti, salv li jingiebu l-ahjar u sodisfacenti provi f'ghajnejn il-ligi. Finalment issottometta li fi kwalunque kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti tal-esponenti

u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat illi l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mill-ligi saret nhar it-12 ta' Mejju, 2020 u prova ta' dan giet esebita a fol. 52 tal-process.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaghtu dritt lil persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi r-rikorrenti minuri Muhammad Alagil twieled fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fis-16 ta' Settembru, 2010 u fit-8 ta' Mejju, 2017 ottjena c-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta) (ara kopja tac-certifikat ta' Cittadinanza Maltija a fol. 37 tal-process). Fid-9 ta' Mejju, 2017 id-Direttur intimat irregistra l-Att ta' Twelid li jgib in-numru progressiv 2694 tas-sena 2017. Ghalhekk dan huwa kaz ta' registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi li:

> '(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita' kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita' ta'

> dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl- istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.
>
> (2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.'

Illi jinghad li f'kazijiet fejn jintalab li jigi registrat Att tat-twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz barra minn Malta, d-dettalji mnizzla fl-atti f'Malta jittiehdu minn fuq l-atti originali, jekk l-att originali jkun bil-lingwa Ingliza, altrimenti jekk l-att ikun bil-lingwa ta' pajjiz iehor ikun hemm bzonn ta' traduzzjoni tal-att.

Illi d-Direttur intimat fir-raba' eccezzjoni jichad illi sar xi zball da parte tieghu fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid u ghal dan bazikament ta zewg ragunijiet:

1. Ir-registrazzjoni kellha ssir billi *ad verbatim* tigi mnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fuq l-Att ta' Twelid esteru bin-numru 1066-00674046 fejn l-isem hemm indikat kien dak ta' 'Muhammad' biss u mhux 'Muhammad Abdulkarim Muhammad';

2. Fit-talba li saret sabiex l-Att ta' Twelid esteru bin-numru 1066-00674046 jigi registrat gewwa Malta, l-isem hemm indikat tar-rikorrenti kien dak ta' 'Muhammad Alagil' u mhux 'Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil'. Id-Direttur intimat ipprezenta kopja ta' din it-talba mmarkata bhala Dok DRP3 a fol. 72 tal-process.

Illi fir-rigward l-ewwel raguni, jirrizulta li fl-Att ta' Twelid esteru

bin-numru progressiv 1066-00674046 esebit a fol. 11 *et seq* tal-process, effettivament l-isem tar-rikorrenti ndikat fil-kolonna 'Forename:' l-isem hemm indikat huwa dak ta' 'Muhammad' u mhux dak ta' 'Muhammad Abdulkarim Muhammad'. Din il-Qorti tosserva li d-Direttur intimat kellu ragun jirregistra l-isem tar-rikorrenti bl-isem uniku ta' 'Muhammad' ghaliex huwa unikament dak l-isem li jirrizulta mill-Att tat-Twelid esteru tar-rikorrenti. Din il-Qorti tifhem ukoll li d-Direttur intimat m'huwiex edott mill-Ligi tar-Renju tas-Sawdi Arabja u ghalhekk ragonevolment ma seta' qatt jkun jaf il-prattika uzata fejn mal-isem moghti lil tarbija jizdiedu l-ismijiet tal-missier u dak tan-nannu patern.

Illi gie spjegat mill-Avukat Dr Abdulaziz Hamad H. Alfahad fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 17 *et seq* tal-process, fil-ligi tal-Arabja Sawdita tarbija tinghata l-ewwel isem taghha u sussegwentement bhala t-tieni isem tinghata l-isem ta' missierha u bhala t-tielet isem tinghata l-isem ta' missier missierha u cioe' tan-nannu patern. Din il-Qorti sejra tikkwota *ad verbatim* dak li qal l-Avukat Dr Abdulaziz Hamad H. Alfahad illi:

> '...I confirm that I have examined the Kingdom of Saudi Arabia birth certificate of Master Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagir, having progressive number 1066-00674046, issued by the Director of the Civil Status Office of Riyadh, on the 29th day of December of the year 2010, a copy of which I attach with this deposition marked as **Annex "B"**.
>
> I also confirm that as a matter of the law and practice of the Kingdom of Saudi Arabia, it results from the said birth certificate that the full name of the person in question is, as I

have already described it to be, that is "**MUHAMMAD ABDULKARIM MUHAMMAD ALAGIL**".

I further confirm that this is because as a matter of Saudi law the child is given his first name ("Muhammad") – which appears in the "Forename" section of the Birth Certificate; and then takes as his second name the first name of his father (in this case "Abdulkarim") and as his third name the first name of his paternal grandfather (in this case "Muhammad"), these latter two names resulting from the "Full Names" of the father as stated in the same birth certificate.

I yet further confirm that in like manner the person in question has received the surname of his father ("Alagil") – as also results from the "Full Names" of the father as stated in the same birth certificate.

I wish in conclusion to state categorically that this is not a case of any error in the birth certificate of the Kingdom of Saudi Arabia, which in fact contains all the information necessary to ascertain the "full name" of the person concerned – in this case "**MUHAMMAD ABDULKARIM MUHAMMAD ALAGIL**". This is reflected in the fact that the official documents issued by the authorities of the Kingdom of Saudi Arabia in favour of Master Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil, them being the Kingdom of Saudi Arabia Passport number R643971 issued 19 January 2016 and Kingdom of Saudi Arabia Citezen's Data Report from the Civil Status Office of Riyadh issued 25 November 2019, which I have also duly examined and copies of which are attached herewith as **Annexes "C"** and "**D**", do indeed

> refer to the aforementioned full name of the person, which full name emanates from his birth certificate as I have explained above.'

Illi maghdud ma' dan, ir-rikorrent Abdulkarim Muhammad Abdulrahman Alagil li huwa missier il-minuri Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil li xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 77 *et seq* tal-process zied jghid li ibnu huwa konsistentament maghruf bl-isem ta' Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagir fost ohrajn mal-familja, qraba, hbieb u ghalliema. Hekk xehed:

> '...Moreover I can also confirm that in practice my son has been and is in fact consistently known by his aforementioned full name <u>Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagil</u> amongst his family, relatives, friends, and teachers, as well as at school, in sports and in other extra curriculum activities.'

Illi din id-deposizzjoni gie wkoll ikkonfermata minn martu r-rikorrenti l-ohra Nora Abdullah Abdulrahman Algwaiz li xehdet bil-procedura tal-affidavit a fol. 80 u fol. 81 tal-process.

Illi fir-rigward it-tieni raguni, r-rikorrenti ressaq bhala xhud lil certa Monika Katarzyna Puchala li tat id-deposizzjoni taghha bil-procedura tal-affidavit a fol. 84 *et seq* tal-process fejn spjegat li hija tahdem bhala supervisor fuq kwistjonijiet ta' immigrazzjoni mad-Deloitte Malta. Hija spjegat x'kien gara meta personalment kienet marret ir-Registru Pubbliku sabiex tirregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti. Qalet is-segwenti:

> '3. Acting upon the Applicant's instructions in the context of

his obtainment of Maltese citizenship in May 2017, I as representative of the Services Provider approached the Public Registry upon the indication of the latter that the Applicant's birth be registered. According to the Applicant's parents' instructions, I initially prepared the Request for Registration attached as Annex "A" to record the Applicant's birth according to the name as it was carried in his official documents and, in particular, in accordance with the name as it was carried in his international passport obtaining at the time. This undated Request for Registration was presented by me to Ms Diana Caruana at the Public Registry on or around February 2017.

4. At that meeting Ms Caruana indicated that the Public Registry could not accept such a request, citing the legal requirement for it to have sole regard to the name of the Applicant as carried in any existing act of birth or any equivalent record of that nature.'

Illi minn din id-deposizzjoni ta' Monika Katarzyna Puchala jirrizulta li originarjament l-applikazzjoni li kienet ser tigi rregistrata kienet bl-isem ta' 'Muhammad Abdulkarim M Alagir' li madanakollu wara ndikazzjoni ta' Ms Diana Caruana kienet tbiddlet sabiex tkun tirrifletti l-Att tat-Twelid b'dan li gie mnizzel bl-isem ta' 'Muhammad Alagil'. Ix-xhud esebiet kopja tal-applikazzjoni kif kienet ser tigi ntavolata originarjament a fol. 86 tal-process u kopja tal-applikazzjoni kif giet effettivament intavolata fir-Registru Pubbliku a fol. 87 tal-process.

Illi din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita' tal-fatti fejn tidhol l-identita' ufficjali tal-persuna kkoncernata. Fl-atti gie pprezentat is-segwenti dokument ufficjali tar-Renju tal-Arabja Sawdita li

jindika l-isem tar-rikorrenti bhala dak ta' 'Muhammad Abdulkarim Muhammad Alagir' u mhux bhala dak ta' 'Muhammad Alagil'. Dan huwa s-segwenti:

i. Civil Status System – Citizen's Data mahruga mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita li kopja taghha u tat-traduzzjoni ghal lingwa Ingliza giet esebita a fol. 44 *et seq* tal-process li tindika bhala 'First name' l-isem Muhammad, bhala 'Father's Name' Abdulkarim, Grandfather's Name' Muhammad u 'Last Name' Alagil. Din il-Qorti tinnota li jekk ma tkunx edott mill-ligi tal-Arabja Sawdita, mid-dokument innifsu ma jemanix li l-ismijiet hemm imsemmija effettivament jiffurmaw ukoll parti mill-isem tal-persuna kkoncernata;

Illi fir-rigward l-passaport tar-rikorrenti mahrug fid-19 ta' Jannar, 2016 mill-Awtoritajiet tar-Renju tal-Arabja Sawdita bin-numru R643971 l-isem tar-rikorrenti gie ndikat bhala dak ta' Muhammad Abrulkarim M Alagil fejn l-isem 'Muhammad' gie abrevjat ghall-ittra 'M' flok l-isem shih.

Illi jinghad li ghalkemm din il-Qorti mhux qed tistrieh unikament fuq dak iddikjarat fl-istadju tat-trattazzjoni madanakollu taghmel referenza ghal dak dikjarat minn Dr Julian Vella a nom tad-Direttur intimat fejn inghad illi:

> '**Av. Julian Vella:** …. fuq il-mertu tal-kawza m' ghandhiex kwistjoni, gialadarba l-Qorti hija sodisfatta bil-provi li dawn huma maghrufa b'dawn l-ismijiet. Il-Qorti tista tilqa t-talbiet, ahna l-kwistjoni taghna hija l-ispejjez, ghas-semplici raguni ahna rridu nimxu kif qal il-kollega tieghi, irridu nimxu fuq dak li jidher fl-att tat-twelid. Issa vera fil-prattika, fil-Ligi ta' l-Arabja Saudita dawn jghidu t-

tieni u t-tielet isem, ma nahsibx li d-Direttur jkun jaf dawn il-Ligijiet u japplikahom minn jeddu minghajr ordni tal-Qorti.'

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Illi fir-rigward l-ispejjez, din il-Qorti tirrileva li fl-istadju tat-trattazzjoni Dr Kevin F. Dingli ddikjara li 'Dwar l-ispejjez m' ghandhiex problema, ahna nsofru l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku'. Jirrizulta li d-Direttur intimat mexa mal-Att ta' Twelid esteru bin-numru progressiv 1066-00674046 a fol. 11 tal-process minn fejn jindika l-uniku isem tar-rikorrenti bhala dak ta' Muhammad. Ghaldaqstant din il-Qorti taqbel mad-Direttur intimat li m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv 2694 kif registrat mid-Direttur intimat fid-9 ta' Mejju, 2017, billi jigu registrati fl-istess Att tat-Twelid it-tieni u t-tielet isem tar-rikorrenti, u cioe' l-ismijiet 'Abdulkarim Muhammad', sabiex b'hekk l-isem shih tal-istess rikorrenti jigi jinqara 'Muhammad Abdulkarim Muhammad' bhala isem u 'Alagil' bhala kunjom.

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta limitatament ghall-atti fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Settembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Settembru, 2020**